# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 216 – It-Tnejn, 15 ta' Frar, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7:00pm.

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 215 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

### 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 *Ground* tal-*Football***

Is-Sindku qal li aktar tard fis-seduta kellu jiġi l-President tas-*Siggiewi Footbal Club* biex issir diskussjoni fuq l-aħħar żviluppi dwar il-materja.

**2.2 Perit dwar iċ-Ċentru Ċiviku**

Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm appell dwar l-aġudikazzjoni liema appell għadu għaddej.

**2.3 Jum is-Siġġiewi**

Il-Viċi-Sindku qal li l-preparamenti tal-attivitajiet li se jsiru mexjin skont kif ippjanat.

Dawn jinkludu:

(i) Wirja minn pitturi Siġġiwin jew li joqgħodu s-Siġġiewi – fis-Sala tal-Azzjoni Kattolika;
(ii) Ġurnata fejn ikun preżenti l-Blood Bank Mobile Unit fil-pjazza;
(iii) Attività ta' tindif mill-membri tal-għaqdiet;
(iv) Parata mill-Iscouts;
(v) Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali;
(vi) Serata tal-Għoti tal-Onorifiċenza.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

**3.2 Rapport Finanzjarju 2009**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2009. Is-Sindku stieden lis-sur Pierre Mangion, l-*Accountant* tal-Kunsill biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar dan ir-rapport. Is-sur Mangion qal li dan ir-rapport ikopri biss minn April sa Diċembru 2009 u fisser fid-dettal id-dħul u l-ħruġ tal-ħruġ ta' dan il-perjodu. Ir-rapport qed ikun annessa ma' dawn il-minuti.

Il-kontijiet juru li l-Kunsill għandu *working capital* ta' €29,000 li jfisser li jekk il-Kunsill ikollu jagħlaq, u jħallas id-debituri u jitħallas mingħand il-kredituri, jibqagħlu dan l-ammont.

Il-Kunsill ippropona li dawn il-kontijiet għandhom jiġu approvati. Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.

Il-Kunsill approva l-kontijiet b'mod unanimu.

### 3.3 Estimi għas-Sena 2010

Is-Sindku ippreżenta abbozz tad-dħul u l-ħruġ għas-sena 2010 (rapport mehmuż).
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. ILMENTI MILL-PUBBLIKU

### 4.1 Ilment dwar Triq Wied Xkora

Is-Sindku qal li s-seduta għandha tiġi sospiża biex nisimgħu l-ilmenti tal-pubbliku preżenti.

Is-sur Joseph Callus qal li joqgħod fi Triq Wied Xkora, qed timtela' barriera u qegħdin jgħaddu madwar 80 trakk kuljum li huma *heavy duty* u qed jagħmlu ħafna ħsara lill-ħitan billi t-triq mhijiex wiesa' biżżejjed.

Is-Sindku qal li rridu ninvestigaw jekk hemmx permess jew le. Jekk hemm permess irridu naraw jekk hemmx xi kundizzjoni li tipprojbixxi t-trakkijiet jgħaddu mill-imsemmija triq. Jekk m'hemmx kundizzjonijiet, allura l-Kunsill jista' jikkunsidra li jagħmel tabelli li jgħidu li ma jistgħux jgħaddu *heavy vehicles* dejjem bl-approvazzjoni tal-ADT.

Il-Viċi-Sindku qal li ma jsibx problema li jsiru dawn l-imsemmija tabelli, madankollu r-residenti irid jitħallilhom l-aċċess u jgħaddu biss vetturi awtorizzati mill-Kunsill. Dan irid isir permezz ta' *bye-law.* Il-Viċi Sindku qal ukoll alternattiva oħra hija li jintalab permess tal-ADT biex jgħaddu biss trakkijiet sa ċertu tunnellaġġ.

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jieħu din l-azzjoni wara li jkun ġie żgurat li hemmx permess jew le.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Talba għal Traffic Calming Measure fi Triq il-Kbira

Is-sur Mike Marlow, resident fi Triq il-Kbira qal li ilu jitlob lill-Kunsill biex isir *traffic calming measure* quddiem ir-residenza tiegħu, nru 48. Dan minħabba l-veloċità eċċessiva li jgħaddu l-karrozzi f'din it-triq dejqa. Huwa kompla jgħid li kien kiteb flimkien ma' residenti oħrajn lill-ADT u dawn qalu li ma jsibux oġġezzjoni.

Huwa qal ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv kien spjegalu li ikun propizju li jsiru sinjali "Slow" u hu kien qabel, imma l-problema xorta waħda baqgħet għaddejja.

Is-Sindku issuġġerixxa li minflok hump isiru l-istrips.

Ir-resident qal li hemm kunsens mill-ġirien u lkoll jaqblu li għandu jsir xi ħaġa.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna niktbu lir-residenti kollha għall-opinjoni tagħhom, jingħata żmien sas-seduta li jmiss, u tiġi deċiża f'dik is-seduta.

**4.3 Il-Ground tal-Football.**

Is-sur Bertu Pace, il-President tas-Siġġiewi Football Club, qal li kien qed iressaq lill-Kunsill abbozz ta' ftehim bejn il-Kunsill u s-Siggiewi Football Club li jaqra hekk:-

**Ftehim milħuq bejn is-*Siggiewi Football Club* u l-Kunsill Lokali Siġġiewi:**

1. Il-Kunsill Lokali Siġġiewi ikollu d-dritt li juża terz tal-grawnd tal-football matul il-ġimgħa (eskluż is-Sibtijiet, Ħdud u festi pubbliċi) fil-ħinijiet ta' bejn l-erbgħa u d-disgħa ta' bil-lejl (4:00pm u d-9:00pm).

2. Il-Kunsill jintrabat li jgħaddi s-somma ta' €8,000 (tmint elef ewro) kull sena għall-perjodu ta' sitt snin u kull pagament isir fl-1 ta' Marzu. Il-Klabb qed jintrabat li din is-somma/dħul kollu minn dan il-ftehim jintuża esklussivament għall-installazzjoni tas-sistema ġdida tad-dawl artifiċjali, għat-titjib *tad-dressing rooms* u l-*fencing* tal-grawnd. Il-klabb qed jintrabat li jippreżenta l-fatturi (*invoices)* u l-irċevuti tal-ħlasijiet ta' dawn ix-xogħolijiet. Fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill jkollu d-dritt li jwaqqaf il-ħlas miftiehem.

3. L-użu tal-grawnd mill-Kunsill matul tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi jista' jsir kemm-il darba l-klabb m'għandux bżonn jużah ukoll u l-użu f'dawn il-ġranet jkun għal xi attività uffiċjail tal-Kunsill.

4. Il-Management u l-ftuħ tal-grawnd jibqa' fir-responsabiltà sħiħa tas-*Siggiewi Football Club.*

5. L-użu ta' apparat, żraben, eċċ., irid jkun konformi mar-regolamenti tal-użu tal-*football pitches* artifiċjail hekk kif stabiliti mill-MFA.

6. Kwalunkwe dħul finanzjarju (kif miftiehem) ili jiġi ikkrejat mill-użu matul il-ġimgħa ta' dik il-parti mħollija lill-Kunsill għandu jgħaddi lill-Kunsill.

7. Huma biss dawk il-persuni li jkunu qed jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi tal-grawnd li jistgħu jużaw it-*toilets* tad-*dressing rooms* tal-grawnd jew *toilets* oħra li jista' jkun hemm provduti 'l quddiem mill-istess klabb.

8. Kwalunkwe manteniment tal-kumpless jibqa' r-responsabiltà tal-klabb.

9. Fil-każ li l-Kunsill ma jkunx qed jagħmel użu mill-grawnd, is-*Siggiewi Football Club* ikun jista' jagħmel użu minnu.

10. Kwalunkwe spejjeż li jirriżultaw minn ħsarat u jew *injury* li jista' jsofri minnha xi individwu li qiegħed juża l-grawnd jew *pitch* matul il-ħinijiet li fihom il-grawnd ikun qiegħed taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, iridu jitħallsu mill-Kunsill jew mill-individwu konċernat.

11. Il-partijiet jiftehmu illi l-Kunsill ma jkollu l-ebda dritt fuq l-istess grawnd mal-iskadenza ta' dan il-ftehim sakemm ma jintlaħaqx ftehim ieħor bejn il-partijiet.

*12.* Il-Kunsill huwa assolutament projbit milli b'xi mod jissulloka jew iċedi lil terzi l-mertu ta' dan il-ftehim *in parte* jew *in toto* jew jagħmel xi forma ta' *management agreement.*

*13.* Kull diffikultà dwar interpretazzjoni ta' dan il-kuntratt/ftehim trid tiġi riżolta bejn il-President tal-klabb u s-Sindku tal-Kunsill Lokali u d-deċiżjoni tkun finali sakemm din tirrispetta d-dispozzizjon tal-ligi. F'każ li ma jintlaħaqx ftehim jinħatar arbitru/persuna aċċettabli għaż-żewġ naħat u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

*14.* Il-partijiet jiftehmu u jiddikjaraw li fehmu l-kontenut ta' dan l-ftehim u l-istess ftehim jirrifletti dak li kien realistikament ġie miftiehem bejn l-istess partijiet.

Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju, allura għandna nitolbu d-direzzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u naraw kif dan jinkwadra fl-estimi tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. MOZZJONIJIET

## 5.1 Mozzjoni dwar ir-resurfacing Ta' Triq Ta' Kandja

Is-Sindku ressaq il-mozzjoni:

"Wara li diversi persuni, kemm waqt il-Laqgħa tal-Lokalità, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, kif ukol mal-kuntatti tiegħi mar-residenti, ilmentaw mill-istat diżastruż li tinsab fih it-triq li għaqqad is-Siġġiewi mal-Imqabba, magħrufa aħjar bħala ta' Kandja.

"U wara li eżaminajt l-istat tagħha bejn ir-roundabout ta' Triq l-Imqabba, u l-kumpless tal-SAG tingħata wiċċ ġdid mill-aktar fis possibli.

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum jirriżilovi li minnufih jibda xogħolijiet ta# *major resurfacing*."

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Mozzjoni dwar iċ-Ċentru Ċiviku.**
Il-Viċi-Sindku ressaq din il-mozzjoni li taqra:

"Billi fis-seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009, il-Kunsill Lokali Siġġiewi approva riżoluzzjoni li permezz tagħha talab lill-Gvern Ċentrali sabiex il-proprjetà bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi tiġi devoluta lill-istess Kunsill Lokali Siġġiewi bil-għan li minnha jibdew joperaw *Day Care Centre* għall-Anzjani u l-uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi;

"U billi fis-seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill Lokali Siġġiewi approva riżoluzzjoni li permezz tagħha ħatar Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku;

"U billi l-imsemmi Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku qiegħed iwettaq l-inkarigu mogħti lilu skont ir-riżoluzzjoni approvata mill-Kunsill Lokali Siġġiewi nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' llum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li għas-sena finanzjarja 2010 jalloka l-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) sabiex jintużaw mill-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku fit-twettiq tal-imsemmi proġett skont ir-riżoluzzjonijiet approvati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 u nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009.

"Jirriżolvi wkoll li jawtorizza lill-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku sabiex jiddiskuti, japprova u jwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa sabiex l-imsemmija allokazzjoni finanzjarja tintuża' fit-twettiq tal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubblici u Artijiet, Dr Jason Azzopardi u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard. Kopja ta' din il-mozzjoni għandha wkoll minnufih titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilliera s-sur Joseph Sammut u Dr Mark. A. Vassallo.

Wara li saret diskussjoni dwar l-ammont li għandu jiġi allokat, Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jgħaddi għall-vot.

Voti Favur: 4 (Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina, il-Kunsilliera Dr Mark Vassallo u Joseph Sammut).

Voti Kontra: 3 (Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Rita Psaila u Jesmond Tanti).

## 5.3 Monument Pawlu Aquilina

Il-Viċi-Sindku qal li wara li tkellem mal-President tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi dwar din l-idea hu qed iressaq din il-mozzjoni.

"Billi matul ħajtu l-poeta u edukatur Pawlu Aquilina iddisingwara ruħu għall-ħidma tiegħu sabiex tissaħħaħ l-identità tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin billi fost oħrajn ipparteċipa b'mod attiv ħafna fil-komunità tas-Siġġiewi;

"u billi Pawlu Aquilina permezz ta' kitbietu mexxa 'il quddiem l-aspetti kulturali, soċjali u storiċi u fl-istess waqt għen sabiex tkun ippreservata l-memorja kollettiva tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin;

"u billi bħala poeta u edukatur saħħaħ l-apprezzament, l-żvilupp u t-tagħlim tal-lingwa Maltija mhux biss fost is-Siġġiwin iżda fuq livell nazzjonali;

"u billi huwa xieraq li Pawlu Aquilina jibqa' jiġi mfakkar u jingħata rikonoxximent xieraq għall-impenn tiegħu fil-lokalità tas-Siġġiewi;

"għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' llum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010;

"jirriżolvi li kif diġa' seħħ b'suċċess matul is-snin li għaddew permezz ta' inizjattiva konġunta mal-Għaqda Kulturali Siġġiewi, fl-iqsar żmien possibli jwaqqaf monument fis-Siġġiewi f'ġieh Pawlu Aquilina;

"jirriżolvi li flimkien mal-Għaqda Kulturali Siġġiewi jwaqqaf kumitat li jkun responsabbali mit-twaqqif tal-imsemmi monument, liema kumitat ikun imsejjaħ Kumitat dwar it-Twaqqif ta' monument f'ġieh Pawlu Aquilina u jkun kompot minn erba' membri.

"jirriżolvi li l-Kumitat dwar it-Twaqqif ta' Monument f'Ġieħ Pawlu Aquilina għandu jwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa sabiex fl-iqsar żmien possibli jitwaqqaf l-imsemmi monument;

"jirriżolvi li jaħtar lill-Viċi-Sindku Karol Aquilina bħala *Chairman* u l-Kunsillier Joe Sammut bħala membru li jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali Siġġiewi fl-imsemmi kumitat filwaqt li d-deputat *Chairman* u l-membru l-ieħor tla-kumitat għandhom jiġu maħtura mill-Għaqda Kulturali Siġġiewi;

"jirriżolvi wkoll li jivvota l-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) sabiex jiġi mwaqqaf l-imsemmi monument;

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Għaqda Kulturali Siġġiewi flimkien ma' talba sabiex l-istess għaqda tikkonforma s-sehem tagħha fit-twaqqif tal-imsemmi monument u tgħaddi sabiex taħtar ir-rappreżentanti tagħha skont kif stabbilit f'din il-mozzjoni. Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata

għandha wkoll minnufih tintbagħat lis-Sinjura Ġuża Aquilina u lill-bqija tal-familjari ta' Pawlu Aquilina, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u taiġi ippublikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda din il-mozzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk din il-mozzjoni tkun approvata, matul din is-sena finanzjarja mhux se jkun hemm fondi biżżejjed biex tiġi koperta.

Il-Viċi-Sindku qal li f'dan il-kas l-ammonti għandhom jittieħdu mill-budget tas-sena 2011.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**5.4 Tismija ta' Triq għal Perit Joseph Farrugia**

Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina:

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsill Lokali għandu jieħu sehem sħiħ f'kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' ismijiet lit-toroq;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi ġie mitlub jissottometti ismijiet għal numru ta' toroq ġodda fil-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi l-Perit Joseph Farrugia rrappreżenta għal numru ta' snin lis-Siġġiewi u lis-Siġġiwin fil-Kamra tad-Deputati u fost oħrajn ta' sehmu b'mod attiv sabiex tissaħħaħ l-identità tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin skont kif jirriżulta mill-annessa bijografija tiegħu;

"U billi matul ħajtu l-Perit Joseph Farrugia qeda dmirjietu b'kapaċità u dejjem mexxa 'l quddiem l-interessi tal-lokalità tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li jissottometti talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex waħda mit-toroq il-ġodda fis-Siġġiewi tingħata l-isem tal-Perit Joseph Farrugia.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti u lill-familjari tal-Perit Joseph Farrugia. Kopja ta' din il-mozzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joe Sammut.
Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.5 Tismija ta' Triq għal Ġuża Mifsud**

Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina u ssekondata mill-Kunsillier Joe Sammut.

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsill Lokali għandu jieħu sehem sħiħ f'kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' ismijiet lit-toroq;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi ġie mitlub jissottometti ismijiet għal numru ta' toroq ġodda fil-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi matul ħajjitha Ġuża Mifsud dejjem ħeġġet lil kulħadd biex jitlob u jaħdem għall-paċi, jikkundanna fost oħrajn il-mibgħeda, l-abort u d-diżonestà.

"U billi l-ħidma ta' Ġuża Mifsud u tal-Moviment li hija waqqfet għamlu mill-Girgenti post ta' ġabra u devozzjoni lejn il-Madonna għal eluf ta' Maltin u Għawdxin li jżuruh matul is-sena;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li jissottometti talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex waħda mit-toroq il-ġodda fis-Siġġiewi tingħata l-isem ta' Ġuża Mifsud.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti, lill-Arċipriet tas-Siġġiewi Dun Albert Buhagiar, lill-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u lill-familjari ta' Ġuża Mifsud. Kopja ta' din il-mozzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.6 Tismija ta' Triq għal Dr Kalċidon Zammit.**

F'dan l-istadju il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien beħsiebu jressaq din il-mozzjoni:

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsill Lokali għandu jieħu sehem sħiħ f'kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' ismijiet lit-toroq;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi ġie mitlub jissottometti ismijiet għal numru ta' toroq ġodda fil-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi t-Tabib Kalċidon Vassallo irrappreżenta għal numru ta' snin lis-Siġġiewi u lis-Siġġiwin fil-Kamra tad-Deputati;

"U billi matul ħajtu t-Tabib Zammit qeda dmirjietu b'kapaċità u ikkontribwixxi għat-titjib b'mod partikolari tal-bdiewa u r-raħħala;

"U billi wkoll serva fil-Kunsill Lokali għal sentejn sħaħ;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum il-Ħamis 11 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li jissottometti talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex waħda mit-toroq il-ġodda fis-Siġġiewi tingħata lit-Tabib Kalċidon Zammit;

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti u lill-familjari tat-Tabib Kalċidon Zammit. Kopja ta' din il-mozzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Robert Musumeci.

Il-Viċi-Sindku qal li minħabba raġunijiet personali huwa kien se jastjeni.

Meta saret il-votazzjoni l-eżitu kien hekk:

| | |
|---|---|
| Voti Favur: | 6 |
| Vota Kontra: | 0 |
| Astensjoni: | 1 (Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina) |

## 5.7 Mozzjoni Għoti tal-Onorifiċenza

Il-Viċi-Sindku qal li billi fi ftit jiem il-Kunsill irid jagħti l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi, kien se jressaq din il-mozzjoni:

"Il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 15 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li jagħmel dawn l-emendi fil-kundizzjonijiet u r-regolamenti li jirregolaw l-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi:

"Ħassar il-kliem li jinsab fil-ħames paragrafu u minflok daħħal il-kliem:

"Dawn li ġejjin huma eleġibbli sabiex jingħataw l-Onorifiċenza "Mertu Siġġiewi":

1. Persuni mwielda s-Siġġiewi;
2. Persuni li huma jew f'xi żmien kienu residenti b'mod abitwali s-Siġġiewi; u
3. Persuni li huma jew f'xi żmien kienu inklużi f'xi Reġistru Elettorali tas-Siġġiewi.
4. Organizzazzjonijiet volontarji, għaqdiet jew gruppi ta' nies meta l-azzjoni tkun waħda kollettiva.".

"Wara l-kliem li jinsab fil-ħdax-il paragarfu daħħal il-kliem:

"Iżda, il-Kunsill Lokali jista' jagħti l-Onorofiċenza "Mertu Siġġiewi" permezz ta' riżoluzzjoni approvata mill-Kunsill Lokali wara mozzjoni mressqa apposta u dan

mingħajr il-bżonn li persuna, organizzazzjoni volontarja, għaqda jew grupp ikun propost u approvat mill-imsemmi Bord.”.

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo bil-Kunsill jirriżolvi favur b'mod unanimu.

**5.8 Mozzjoni Għoti tal-Onorifiċenza lid-Dar tal-Providenza**

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ressaq din il-mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Dr Mark A Vassallo.

“Billi d-Dar tal-Providenza li tinsab fil-lokalità tas-Siġġiewi ilha sa' mill-1965 tilqa' fi ħdanha persuni b'diżabilità u toffrilhom ambjent ta' familja;

“U billi l-ħidma mwettqa mid-Dar tal-Providenza kif imwaqqfa minn Mons. Mikiel Azzopardi ħadmet bis-sħiħ sabiex is-soċjetà Maltija turi aktar solidarjetà, toffri opportunitajiet indaqs u tgħin lill-persuni b'diżabilità jiżviluppaw dejjem aktar il-ħiliet tagħhom;

“U billi l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi tista' tingħata lil xi għaqda jew “organizzazzjoni;

“Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 15 ta' Frar 2010,

“Jirriżolvi li jonora lid-Dar tal-Providenza bl-Onorifiċenza “Mertu Siġġiewi” b'rikonoxximent għall-ħidma li twettaq b'risq il-persuni b'diżabilità.

“Il-kontenut ta' din il-mozzjoni kif approvata għandu jiġi minnufih mgħarraf b'mod konfidenzjali lir-Rev. Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza. “Din il-mozzjoni għandha tinqara' waqt l-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi nhar is-7 ta' Marzu 2010, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir mill-Kunsill Lokali Siġġiewi, tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-publikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u titwaħħal man-*noticeboard* wara s-7 ta' Marzu 2010.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.9 Mozzjoni Għoti tal-Onorifiċenza lil Mons Mikiel Azzopardi**

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ressaq din il-mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo:

“Billi matul is-sena 2010 qed jiġi mfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Mons. Mikiel Azzopardi;

“U billi fl-1965 Mons. Mikiel Azzopardi waqqaf id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi, liema dar tilqa' fi ħdanha persuni b'diżabilità u toffrilhom ambjent ta' familja;

“U billi matul ħajtu Mons. Mikiel Azzopardi wera sens qawwi ta' valuri, rispett u dinjità lejn il-persuni b'diżabilità u ħadem bis-sħiħ sabiex is-soċjetà Maltija turi aktar

solidarjetà, toffri opportunitajiet indaqs u tgħin lill-persuni b'diżabilità jiżviluppaw dejjem aktar il-ħiliet tagħhom;

"U billi l-lokalità tas-Siġġiewi u s-Siġġiwin huma xhieda ħajja tal-ħidma li wettaq Mons. Mikiel Azzopardi matul ħajtu;

"U billi Mons. Mikiel Azzopardi kien resident tas-Siġġiewi fid-Dar tal-Providenza fejn huwa għex għal numru ta' snin u fejn illum huwa jinsab midfun fuq xewqa tiegħu stess;

"U billi l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi tista' tingħata lil persuni anke wara l-mewt tagħhom;
"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 15 ta' Frar 2010,

"Jirriżolvi li jonora lill-Mons. Mikiel Azzopardi bl-Onorifiċenza "Mertu Siġġiewi" b'rikonoxximent għall-ħidma tiegħu b'risq il-persuni b'diżabilità.

"Il-kontenut ta' din il-mozzjoni kif approvata għandu jiġi minnufih mgħarraf b'mod konfidenzjali lir-Rev. Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza. Din il-mozzjoni għandha tinqara' waqt l-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi nhar is-7 ta' Marzu 2010, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir mill-Kunsill Lokali Siġġiewi, tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-publikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u titwaħħal man-*noticeboard* wara s-7 ta' Marzu 2010.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## 6. KORRISPONDENZA

### 6.1 Natalino Callus mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar hump fi Triq Dr N Zammit

Is-sinjura Cutajar tal-imsemmija triq ilmentat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-inkonvenjent li hump (sleeping policeman) qed toħloq lill-familja tagħha.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jidħol ilment simili fl-istess triq magħmul minn Dr Patrick Farrugia.

Is-Sindku qal li wieħed jifhem l-ilment ta' dawn l-individwi, imma dawn it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex inkella jkollna inneħħu s-sleeping policemen tal-lokalità kollha.

### 6.2 Talba mill-Każin Banda San Nikola

Il-Każin staqsa lill-Kunsill jekk hemmx il-probabiltà li jgħin sabiex jakkwista xi art, garage, jew store.

Is-Sindku qal li l-Liġi ma tippermettiex li tingħata din it-tip ta' għajnuna.

### 6.3 Talba mis-Siggiewi Festival Brass Band.

**Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ittra mill-imsemmija soċjetà:**

"Taf tajjeb, sur segretarju, billi inti mis-Siġġiewi bħalna, taf x'sar meta kellna inneħħu l-planċier mill-pjazza t'isfel u kellna nagħmluh fil-parti tal-pjazza ħdejn il-każin (kontra qalbna dak iż-żmien). Dak iż-żmien il-poplu tas-Siġġiewi tellgħani fil-Kunsill Lokali u hemm domt il-Leġislatura kollha bħala Viċi-Sindku.

"L-argument li ġej bih huwa li meta tellgħajna l-planċier fejn qiegħed jintrama, f'dik il-parti tal-pjazza ma kienx hemm xejn armar lanqas biċċa antarjola waħda, għalhekk f'waħda mis-seduti ta' dak iż-żmien, is-sur Tony Borg ressaq mozzjoni u ġiet approvata mill-kunsill ta' dak inhar li l-pjazza fejn jintrama tkun kollha riservata għas-Siggiewi Festival Brass Band, u kien jaf x'inhu jgħid is-sur Tony Borg. Kif jaf kulħadd, li ma kienx hemm armar ieħor u sur Tony Borg kien jaf li għandha pjan li nkomplu inżidu l-armar fejn il-każin u jekk trid tista' tikkonferma miegħu ħalli tisma' l-verità.

Għalhekk nitolbok li intom meta toħorġu l-permessi biex tkun tista' tarma, inti tavża lill-President tal-Armar (li hu Arċipriet) sabiex jirregolarizza ruħu u li dan ma jistax imur kontra mozzjoni li għaddiet mill-Kunsill. F'dik il-parti ma jista' jsir l-ebda armar u l-ebda liedna ħlief tas-Siggiewi Festival Brass Band."

Is-Segretarju qal li la mill-minuti u lanqas mill-file tal-mozzjonijiet ma jirriżulta li kien hemm xi mozzjoni mis-sur Borg li tgħid dak li qed jikteb dwaru s-sur Buhagiar. Huwa kompla jgħid li kien se jikteb lis-sur Buhagiar biex jispeċifikalu b'mod aktar preċiż għal-liema mozzjoni qed jirreferi.

# 7 HWEJJEĠ OHRAJN

## 7.1 Triq Salvu Curso, Triq Andar u Triq id-Difa

Il-Viċi-Sindku qal li r-resident Stephen Aquilina kien ħejja proposta dwar sistema ġdida tal-immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġ fiż-żona ta' Triq Salvu Curso. Il-Viċi Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-proposta sabiex tiġi diskussa.

Wara diskussjoni qasira l-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jibgħat avviż lir-residenti taż-żona bid-dettalji ta' din il-proposta flimkien ma' talba sabiex jibgħata l-fehma tagħhom dwarha.

Il-Kunsillier Joe Sammit issekonda l-proposta tal-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 7.2 Tisbiħ ta' Pjazza San Nikola

Is-Sindku qal li l-Gvern Ċentrali kien identifika l-pjazza tas-Siġġiewi biex fiha jsir proġett pilota ta' pedestrinisation. Dan minħabba li f'pajjiżna qed dejjem jidħol dan il-kunċett b'mod partikolari fil-pjazez tal-ibliet u l-irħula.

Huwa kompla jgħid li kien qabbad lil Perit David Vassallo biex iħejji pjan preliminarju ta' dak li hemm bżonn isir (pjanta annessa). Kif wieħed jista' jara fejn jidħol il-parking, il-pjan huwa wieħed flessibli u nistgħu inżidu u innaqqsu skont kif isir qbilu dwaru.

Barraminn dan, minħabba r-riforma tat-Trasport Pubbliku, il-bus terminus fil-pjazza se jintemm.

Il-Viċi-Sindku qal li huwa jħoss li għandu jsir kull sforz possibbli sabiex jinstab post alternattiv għall-pompa tal-petrol u dan peress li l-istess pompa ma' taqbel xejn mal-estetika ta' Pjazza San Nikola. Il-Viċi Sindku qal ukoll li Pjazza San Nikola hija ċ-ċentru tal-attivitajiet kollha tal-lokalità u għalhekk fil-proċess sabiex jitwettaq dan il-proġett għandu jkun żgurat li jkun hemm soluzzjonijiet alternattivi għall-parkeġġ. Il-Viċi Sindku qal ukoll li t-twettaq ta' dan il-proġett għandu jieħu in konsiderazzjoni wkoll il-bżonnijiet tar-residenti u n-negozji li jinsabu fiż-żona.

Is-Sindku qal li l-Gvern Ċentrali huwa konxju mid-diffikultà tal-pjazza u jekk jinstab post alternattiv kemm is-sid kif ukoll il-Gvern, lesti li jikkunsidraw il-possibilità. Rigward il-parking, is-Sindku qal li tista' tintuża aktar Triq Mons Mikiel Azzopardi.

Kien hemm qbil fil-prinċipju mal-proġett, u li għandha ssir it-talba, kif ukoll li meta l-pjan jibda jiġi ikkonkretarizzat, issir konsultazzjoni pubblika.

**7.3 Proposta dwar gwida għall-parkeġġ fi Triq is-Salib.**

Il-Perit David Vassallo ressaq din il-proposta. Wara diskussjoni, sar qbil li qabel dan jiġi implimentat, jiltaqgħu l-partijiet konċernati biex isir tentattiv ta' soluzzjoni.

**7.4 Talba għal server**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-server tal-Uffiċċju kien qdiem ħafna u kien qed jikkawża diversi problemi tekniċi u ippreżenta quote ta' server ġdid li qed tkun mehmuża.
Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.5 Jum il-Mara**

Il-Kunsilliera Rita Psaila qalet li s-sotto kumitat Familja għandu l-ħsieb li jorganizza quddiesa u buffet breakfast nhar l-Erbgħa 17 ta' Marzu fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li jissekonda din l-attività.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.5 Ħsarat f'Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba maltemp li sar riċentament saru ħsarat kbar fil-bajja ta' Għar Lapsi. Hu ippreżenta rapport ta' dawn il-ħsarat.

Is-Sindku qal li għandna niktbu lil Malta Tourism Authority u naraw jekk hux possibli li dawn il-ħsarat jissewwew minn din l-Awtorità.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2010** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2010